MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2005

Appell Kriminali Numru. 256/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Ferhat Guellouma**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Bugeja u Ferhat Guellouma talli:

Fil-jiem u gimghat qabel it-13 ta' Ottubru 2002, f'diversi postijiet ta' Malta, bi hsieb li jaghmlu xi qliegh li jkun, ghenu, assistew, taw parir jew habirku biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta, jew li sew f'Malta sew barra minn Malta ikkonguraw f'dak is-sens ma' xi persuni ohra;

Ukoll talli fil-jiem u gimghat ta' qabel it-13 ta' Ottubru 2002, f'diversi postijiet f'Malta, assocjaw ruhhom flimkien u/jew ma' xi persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta, bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;

U aktar lil John Bugeja wahdu talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Novembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Ferhat Guellouma hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' tliet snin;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Ferhat Guellouma pprezentat fit-12 ta' Novembru 2004, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tvarja, tbiddel u timmodifika l-piena inflitta fuq l-appellant tikkonfermaha fil-kumplament;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa limitat ghall-piena li jqis bhala wahda sproporzjonata u eccessiva. In materja ta' piena pero` l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

L-appellant jghid li l-ewwel Qorti nfliggiet piena karcerarja ghal zewg reati awtonomi u separati, cioe` dawk

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

ikkontemplati fl-artikolu 337A u 48A tal-Kap. 9 u li, skond hu, dan ma setghetx taghmlu peress illi reat wiehed jeskludi lill-iehor, fis-sens li reat ta' kongura kontemplat fl-artikolu 337A jeskludi minhabba n-natura, ix-xorta u l-fattispecie tieghu, ir-reat ta' assocjazzjoni kkontemplat fl-artikolu 48A. Minn ezami li din il-Qorti ghamlet ta' l-atti tal-kawza, hija tal-fehma li l-ewwel Qorti korrettement sabet lill-appellant hati taz-zewg reati addebitati lilu, b'dan pero` illi r-reat taht l-artikolu 48A ghandu jitqies assorbit fir-reat ikkunsmat, cioe` dak taht l-artikolu 337A.

Issa, l-piena stabbilita fl-artikolu 337A ghal min jinsab hati taht dak l-artikolu, "minghajr pregudizzju ghal kull piena ohra" taht il-Kodici Kriminali jew taht xi ligi ohra, hija ta' "prigunerija minn sitt xhur sa hames snin jew multa ta' ghaxart elef lira jew dik il-multa u prigunerija flimkien u ddisposizzjonijiet ta' l-artikoli 21 u 28A u dawk ta' l-Att dwar il-*Probation* ma jkunux japplikaw". Huwa ghalhekk evidenti li l-piena ta' tliet snin prigunerija nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li "thoss li ghandha tkun severa fl-applikazzjoni tal-piena taghha, ghalkemm l-imputat ghandu fedina penali tajba u trid tibghat messagg lis-socjeta` li tali traffikar ta' bnedmin mhux ser jigi tollerat mill-Qrati taghna." Din il-Qorti tifhem minn dan li meta l-ewwel Qorti giet biex tiddetermina l-piena, hija kienet fi kwalunkwe kaz qed tqis il-piena stabbilita fl-artikolu 337A, cioe` r-reat ta' traffiku fil-persuni.

L-appellant jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti stess irrikonoxxiet li kienet qed tkun severa fil-konfront tieghu u li l-fatt li r-reat in kwistjoni kien wiehed gdid ma kellux iwassal biex huwa jintuza bhala ezempju biex jintbaghat messagg deterrent.

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li qalet l-ewwel Qorti fil-bran suriportat. Il-fatt li r-reati addebitati lill-appellant ma kinux ilhom li ddahhlu fis-sistema legali taghna[2] ma jfissirx li, jekk l-appellant kien l-ewwel wiehed

[2] Permezz ta' Att III tas-sena 2002.

jew minn ta' l-ewwel li gie akkuzat bi ksur taghhom, jimmerita xi beneficcju fl-ghoti tal-piena. Id-dhul ta' dawn ir-reati u partikolarment fil-kaz in ezami dak ta' traffiku fil-persuni anzi jirrispekkja realta` li kienet qed tippreokkupa lil-legislatur. Izda dan ma kienx bizzejjed ta' deterrent ghall-appellant biex izzommu milli jwettaq proprju dan ir-reat ferm gravi. Ghalhekk huma dawn il-Qrati bl-applikazzjoni tal-pieni approprjati li jridu jwasslu l-messagg deterrent. Huwa veru li l-appellant ghandu fedina penali nadifa u li ghandu certa eta`, izda din il-Qorti hija tal-fehma li l-eta` tieghu kellha ggieghlu jirrejalizza li ma kellux jinvolvi ruhu f'attivita` li kemm-il darba kellha wkoll konsegwenzi tragici.

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jiccita bran minn **Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice 2001** li jghid li *"when a judge purposely postpones sentence so that an alternative to prison can be examined and that alternative is found to be a satisfactory one in all respects, the court ought to adopt the alternative. A feeling of injustice is otherwise aroused."*

Din il-Qorti ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ghala gie citat dan il-bran. Minn ezami ta' l-atti jirrizultalha li fl-istadju tad-difiza l-maggor parti tad-differimenti nghataw fuq talba tad-difiza, li ma kien hemm l-ebda differiment sabiex l-ewwel Qorti tikkunsidra xi alternattiva ghal prigunerija (l-unika alternattiva possibbli fil-fatt hija dik tal-multa), u li l-kawza giet differita darba biss ghas-sentenza, fil-5 ta' Ottubru 2004 ghall-10 ta' Novembru 2004 meta nghatat is-sentenza.

Konsegwentement l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li t-tieni imputazzjoni ghandha titqies assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------